PARLAMENT TA' MALTA

IT-TNAX-IL LEĠIŻLATURA

P.L. 6869

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 373 tas-6 ta' April 2016 mill-iSpeaker, l-Onor Anġlu Farrugia.

______________________________

Raymond Scicluna
Skrivan tal-Kamra

## UFFIĊĊJU NAZZJONALI TAL-VERIFIKA - MEMBRI TA' STAFF LI QABEL KIENU JAĦDMU MAL-GVERN

**40. L-Onor. Luciano Busuttil jistaqsi lill-Ispeaker**: Jista' l-Ispeaker jagħti lista ta' persuni li jaħdmu jew f'xi ħin ħadmu fl-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika mill-2004 sal-lum u li xi darba kellhom ħatra f'bord governattiv, awtorità, aġenzija, kumpaniji tal-Gvern, parastatali jew entitajiet fejn il-Gvern għandu interess? Għal kull każ, jista' jgħid liema huma dawn l-entitajiet u jagħti l-perjodi eżatti meta servew flimkien mal-karigi li kellhom jew għandhom? Jista' jgħid x'kien il-ħlas u l-perkaċċi kollha li kellhom f'din il-kariga? Jista' jagħti d-data meta ġew impjegati mal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika?

15.03.16

**SPEAKER:** Is-Sedja rċeviet it-tabella ta' hawn taħt mingħand l-Awditur Ġenerali li tagħti informazzjoni dwar l-impjiegi li kellhom il-membri tal-istaff preżenti tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika qabel ma huma ngħaqdu mal-NAO.

| | |
|---|---|
| Nies li kienu jaħdmu mad-Dipartiment tal-Audit qabel l-Uffiċċju sar entità awtonoma fis-sena 1997 | 8 |
| Nies li ġew ingaġġjati mal-Uffiċċju bejn is-snin 1997-2000 | 14 |
| Nies li ġew ingaġġjati mal-Uffiċċju wara s-sena 2000 u qabel kienu jaħdmu fis-settur privat | 24 |
| Nies li ġew inġaggjati mal-Uffiċċju wara s-sena 2000 u qabel kienu jaħdmu f'entità tal-Gvern | 16 |
| **Total** | **62** |

It-tabella ta' hawn taħt tagħti aktar informazzjoni dwar nies li ġew ingaġġati minn entitajiet oħra tal-Gvern wara s-sena 2000.

| **Isem l-Entità** | **Numru ta' Impjegati** |
|---|---|
| MITA | 4 |
| Bank Ċentrali | 2 |
| Planning and Priorities Coordination Division | 2 |
| Tax Compliance | 1 |
| Università ta' Malta | 1 |
| Enemalta | 1 |
| Dipartiment tal-Kummerċ | 1 |
| Ministeru tal-Finanzi | 2 |
| National Statistics Office | 2 |
| **Total ta' nies li ġew minn entitajiet tal-Gvem** | **16** |

L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika jixtieq jagħmel enfasi li fejn jidħol ingaġġ ta' staff mal-NAO, kull proċess ta' għażla mill-2004 sal-lum, kien ibbażat strettament fuq sejħa pubblika, ippubblikata kemm fil-Gazzetta tal-Gvem u mxandra fil-media. Barra minn hekk, kif jistgħu jixhdu r-*records* tal-NAO, kull ingaġġ dejjem sar wara proċess miftuħ, trasparenti u metikoluż li f'kull każ tmexxa minn bord maħtur apposta magħmul mill-anqas minn tliet uffiċjali għolja tal-NAO. Fuq kollox, kif persuna tkun ingaġġata mal-NAO, din tkun mitluba tiffirma 1-*Code of Ethics* tagħhom, li fost affarijiet oħra, dan strettament jimpedixxi lil kull impjegat milli jieħu sehem f'xi attività politika partiġġjana.

Seduta 373
06.04.16